MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 117/2006

**Kenneth Azzopardi ezercenti kummerc bhala *toolsman***

**vs**

**Joseph u Helena konjugi Attard**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elf tlett mija u sbatax-il Lira Maltin u sbatax-il centezmu (LM1317.17) bilanc minn soma akbar rapprezentanti l-prezz ta' materjal provdut mill-attur lill-konvenuti fuq ordni taghhom stess u liema materjal kien debitament konsenjat.

Bl-Ispejjex u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenuti ipprezentati minn Dr Luciano Busuttil fl-10 ta’ Jannar, 2007.
.

Ra li l-konvenuti naqsu li jikkontestaw l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------